MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 847/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Micallef**

**vs**

**David Sammut**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat David Sammut ta’ 46 sena, bin John u Josephine nee’ Debattista, mwieled tas-Sliema nhar id-29 ta’ Mejju 1962 u residenti 27B, Triq San Frangisk, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 344162 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-11 ta’ Mejju 2008, ghall-habta ta’ nofs il-lejl u hames minuti (00:05hrs), gewwa Triq San Frangisk, Sliema;

1. B’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Cilia Giovanni kif gie ccertifikat minn Dr. David Bilocca M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei, liema feruti gew kkagunati meta hu kellu fil-pussess assolut tieghu kelb ta’ razza ppastardata;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Giovanni Cilia u dan kif iccertifika Dr. David Bilocca M.D. ta’ l-isptar Mater Dei;

3. Fl-istess data, hin u cirkostanzi u fil-jiem ta’ qabel; zamm fil-pussess tieghu kelba ta’ razza ppastardata minghajr ma kellu l-licenzja ghaz-zamma ghas-sena kurrenti mgedda mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala s-sid kellu kelba taht il-kontroll tieghu, tiggerra u minghajr cinga fit-triq;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala sid ta’ kelba li hija ta’ perikolu ghan-nies, naqas milli jzomm il-kelba taht kontroll;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja u hedded lil Giovanni Cilia bil-kliem;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet gentilment miltuba sabiex tapplika l-Artikoli 14 (1) u (3) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tordna d-distruzzjoni ta’ l-imsemmija kelba.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Dicembru 2009 (esebita a fol. 97 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 226, 328, 338(dd), 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 3,14, 17 tal-Kap. 312.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Dicembru 2009, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-11 ta' Mejju 2008 ghall-habta tal-12.15 a.m. f'St. Francis Street, Tas-Sliema bejn l-imputat u l-allegat vittma Giovanni Cilia fejn dan tal-ahhar spicca agredit mill-kelb tal-imputat u sofra xi griehi. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar dak li effettivament gara, l-verzjoni tal-allegat vittma u tat-fajla tieghu Dorianne Micallef min-naha l-wahda u l-verzjoni tal-imputat min-naha l-ohra.

L-allegat vittma u t-tfajla tieghu isostnu li dakinhar tal-incident huma waslu fl-imsemmija triq bil-vettura taghhom u pparkeggjaw quddiem garaxx li ma kienx okkupat u waqt li kienu ghadhom fil-vettura l-imputat mar hdejn il-vettura taghhom u beda' jghajjat u jikkonfrontahom dwar il-vettura l-ohra taghhom li kienet parkeggjata quddiem il-bieb tad-dar tieghu f'parking bay regolari u meta Giovanni Cilia hareg mill-vettura sabiex jispjega ruhu mal-imputat dan tal-ahhar aggredih u tah daqqa bil-bott tal-birra li kellu f'idu u meta Cilia spicca mal-art huwa gie aggredit mill-kelb tal-imputat li kien bla cinga u li gidmu fil-parti genitali tieghu. Cilia u Micallef jghidu li huma regghhu rikbu fil-vettura taghhom u marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' Tas-Sliema u Cilia imbaghad ittiehed l-isptar bl-ambulanza fejn dam rikoverat madwar sitt ijiem.

Il-verzjoni tal-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija[1] u meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri hija differenti minn dik

[1] Inserita a fol. 42 u 43 tal-atti processwali

moghtija mill-allegat vittma. Huwa jsostni li hareg il-kelb ghal mixja u ra lil Giovanni Cilia jipparkja quddiem il-garaxx tieghu u huwa ghahekk mar jghidlu sabiex inehhi l-vettura minn quddiem il-garaxx u dan ghamillu sinjal li ser jaqtalu rasu u imbaghad agredih f'koxtu b'xi haga tleqq u spiccaw fl-idejn. L-imputat qal li meta l-imputat agredih huwa telaq il-kelba min idu u meta hu u Cilia spiccaw fl-idejn il-kelba bdiet tigri hdejhom u fl-ebda hin ma ra lil kelba tattakka lil Cilia. Meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat qal li Cilia kien fis-sakra u l-ewwel qal li l-kelba tieghu qisha tigra u tattakka lil min tara jagredih izda imbaghad qal li l-istess kelba qisha naghga u tilghab mat-tfal.

Il-Qorti thoss li m'ghandha l-ebda raguni il-ghala tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija mil-allegat vittma kif korroborata minn Dorianne Micallef. L-istess haga ma jistghax jinghad in kwantu jirrigwarda il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat li ma kienx konsistenti u l-anqas kredibbli fejn l-imputat l-ewwel kien pront u sostna li l-kelba tieghu kienet qisha tigra u kienet tiddefendih meta tara lil xi hadd jagredih u mbaghad wara ftit sekondi qal li din qisha naghga.  Il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-imputat sostna li huwa kien gie milqut minn Cilia b'xi haga tleqq bhal turnavit il-Pulizija li wettqu tfittxija fil-vettura ta' Cilia ma sabu ebda ghodda jew xi haga simili u dan il-fatt ikompli jirrendi t-tezi tal-imputat pjuttost inverosimili. Inoltre jrid jigi rilevat li a tempo vergine l-imputat ma' qal xejn dwar il-fatt li Giovanni Cilia kien fis-sakra, haga li del resto ma gietx konstatata minn hadd aktar, bhal per ezempju l-Pulizija li hadu r-rapport maghmul minn Cilia.

Il-Qorti jidrilha li permezz tax-xhieda ta' Giovanni Cilia u Dorianne Micallef il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat agredixxa lil Cilia, li l-kelb tieghu li kien minghajr cinga agredixxa u ferixxa lil Cilia ghaliex kontra r-regolamenti ma kienx qed jigi mizmum fuq cinga u ghaliex sidu naqas milli jzomm kontroll fuqu. L–ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjoni ghalhekk jirrizultaw pruvati.   In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni jinghad li mill-provi rrizulta biss li l-griehi kienu ta' natura

hafifa. Ghalkemm fic-certifikat mediku inserit a fol. 41 rilaxxjat minn Dr. David Bilocca li ezamina lil Cilia malli dan gie rikoverat l-Emergenza hemm riportat li l-griehi sofferti minn Cilia kienu gravi per durata, meta l-imsemmi tabib xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu 2009 huwa spjega li sabiex wiehed jista' jiddetermina n-natura ta' dawk it-tip ta' griehi kien hemm bzonn li jghaddi z-zmien sabiex wiehed jara l-effett li dawn kellhom fuq il-pazjent. Meta xehed Mr. Karl German[2] il-konsulent urologu li ezamina u kkura lil Cilia dan fil-fatt spjega li l-griehi setghu jigu klassifikati bhala ta' natura hafifa ghaliex wara li saru l-punti u l-imputat gie rilaxxjat mill-isptar huwa m'attendiex ghall-appuntament li kellu fl-outpatient ghal follow up. Il-konsulent spjega li huwa seta' jikkonstata jekk Cilia kienx qed isofri minn xi skonfort fil-parti genitali tieghu biss minn dan il-follow up u mill-informazzjoni li jaghtih il-pazjent, liema follow up ma' setghax isir ghaliex Cilia m'attendiex l-appuntament. Meta xehed l-istess Cilia waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2010 huwa ma' ndikax li kien qed isofri xi konsegwenzi wara li huwa gie rilaxxjat mill-isptar sitt ijiem wara li sehh l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-griehi li sofra Giovanni Cilia jirrizulta li kienu ta' natura hafifa u sejjer ghalhekk jigi applikat l-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm fin-nota ta' rinviju tieghu l-Avukat Generali ndika l-Artikolu 328 il-Qorti jidrilha li dan gie indikat bhala alternattiva ghall-Artikolu 226 stante li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li giet kagunata xi hsara jew xi hruq nvolontarju da parti tal-imputat.

Permezz tat-tielet (3) imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat li zamm kelb minghajr il-licenzja rilaxxjata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-provi effettivament irrizulta li l-imputat hallas il-licenzja ghas-sena 2008 f'Dicembru 2008 u li ghalhekk fid-data tal-incident, u cioe' fil-11 ta' Mejju 2008 ma kienx hemm licenzja mhallsa ghall-kelb in dizamina. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-imsemmija imputazzjoni.

[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Novembru 2010.

L-imputat gie ukoll addebitat bl-imputazzjoni li ngurja u hedded lil Giovanni Cilia izda minn imkien mix-xhieda ta' Giovanni Cilia ma jirrizulta li sar tali theddid jew ingurji.

In vista tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-kelba in dizamina attakkat lil Cilia ghaliex rat lil sidha jagredih il-Qorti ma jidrilhiex li fic-cirkostanzi ghandha tordna d-distruzzjoni tal-imsemmija kelba kif mitlub mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-16 ta' Dicembru 2009 u b'mod partikolari l-Artikoli 226(1)(c) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3, 14 u 17 tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda kumplessiva ta' mija u hamsa u tletin Ewro (€135).

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------